Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Numru 675/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR MELVYN CAMILLERI**
**JOSEPH AGIUS**
**VS**
**ANTHONY BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Borg ta' 31 sena, iben Anthony u Violet nee Aquilina, imwieled tal-Pieta', nhar is-7 t'Ottubru 1978, u residenti 10, Atocja Street, Hamrun u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 481778M.

Akkuzat talli f'Malta fix-xahar ta' Gunju 2010 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet

differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. b'eghmil zieni, ikkorrompa lil Ommissis (minor) ta' 13-il sena;
2. u aktar talli li fl-istess hin, lok u cirkustanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203 (1), eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' Ommissis (minor) ta' 13-il sena;

il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Ommissis (minor) u l-familja taghha ai termini tal-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-artikli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikli l-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tal-imputat a fol 42 li ddikjara li ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghal akkuzi kif dedotti;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal repensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l- istess ammissjoni tieghu l- Qorti ssib lil imputat **Anthony Borg** hati ta l- ewwel akkuza b' assorbiment ghal- fini ta' piena ta' tieni akkuza u wara li rat l- Artikoli 203(1), 28A, 28G u 412C tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil imputat Anthony Borg ghal- sentejn (2) prigunerija sospizi ghal- erbgha (4) snin. Inotre tqeghdu taht Supervision Suspended Order ghal- perjodu ta tlett snin taht is-sorveljanza tad- Direttur tal- Probation Services jew Probation Officer iehor minnu mominat. Inoltre tordna l- hrug ta' Protection Order kontra l- imputat u favur l- minuri Ommissis (minor) ghal-perjodu ta' tlett (3) snin bil- kondizzjoni li l- imputat ma jkellimx, ma jikkomunikax u ma jimmolestax lil istess minuri.

Din il- piena qed tigi akkordata in visa ta' l- ammissjoni bikrija ta' l- imputat, l- fedina penali nadifa tieghu u l- fatti specie partikolari tal- kaz partikolarment x- xewqa tal-genituri li l- imputat ma jigiex ikkundanat piena ta' prigunerija effettiva u in vista tas- sentenzi Il- Pulizija Vs Renald Saviour Frank Pisani Appell Krim deciza 19 ta' Frar, 2010 u L- Pulizija Vs Conrad Galea deciza 21 ta' Dicembru 2009 Qorti tal- Magistrati (Malta).

Il- Qorti tordna li kopja ta' din is- Sentenza tigi komunika lid- Direttur tal- Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------